# MITT SENA TA' SFIDI U KISBIET GĦALL-GĦAQDA MUŻIKALI SANT'ELENA

MELVIN FARRUGIA/mfarrugia@unionprint.com.mt

Bil-ftit ta' kulħadd, iżda b'mod organizzat u dixxiplinat, l-Għaqda Sant'Elena rnexxielha tikseb bosta suċċessi kemm fil-qasam mużikali bandistiku, kif ukoll fuq livell kulturali u soċjali.

Hekk sostna l-President tal-Għaqda Sant'Elena, Anthony Saliba f'intervista ma' IT-TORĊA dwar il-mitt sena ta' din l-għaqda mużikali ta' Birkirkara. Hu sostna li bħala għaqda rnexxielha tibni rapporti b'saħħithom mas-soċjetà ċivili, kif ukoll mal-Kapitlu Elenjan. Filwaqt li qatt ma reġgħet lura mill-isfidi li kellha tiffaċċja, din is-soċjetà tħares 'il quddiem b'fiduċja kbira u b'kuraġġ. Barra minn hekk, temmen li b'dak li qiegħda tagħmel b'tant impenn u entużjażmu llum, se tkun qiegħda tikteb il-futur tagħha.



Il-Bandisti tal-Għaqda Mużikali Sant'Elena

Saliba spjega li sentejn ilu, il-kumitat tal-Għaqda Mużikali Sant'Elena ddeċieda li f'għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-għaqda jħejji programm li fih ikun iċċelebrat l-imgħoddi, tingħata spinta lill-għaqda fil-preżent u anke jitpoġġew pedamenti sodi għall-futur.

### QABEL IT-TWAQQIF TAL-GĦAQDA MUŻIKALI SANT'ELENA

Kien fis-sena 1919 meta din l-għaqda twaqqfet. Qabilha kienu diġà jeżistu baned oħra f'Birkirkara, bħall-Banda Sant'Elena li llum hi magħrufa bħala Duke Of Connaught. Kien hemm ukoll il-Banda La Stella li baqgħet ħajja sal-1904/05. Imbagħad fis-sena 1913 kienet twaqqfet ukoll il-Banda Unione u s-Soċjetà Filarmonika La Pace li baqgħet teżisti sal-1919.

Fl-1919, Ġamri Grima, Ġanni Grech Duca u Nazju Sammut waqqfu l-Għaqda Mużikali Sant'Elena fil-kuntest nazzjonali u dak ta' Birkirkara. Sena qabel kienet intemmet l-Ewwel Gwerra Dinjija u l-poplu Malti ma kienx kuntent bil-qagħda taħt l-Ingliżi. Fi Frar tal-1919 bdiet tiltaqa' l-Assemblea Nazzjonali biex titfassal u tinkiseb kostituzzjoni addattata għal pajjiżna. Iżda fis-7 ta' Ġunju, inqalgħu rvellijiet ikkawżati minħabba diversi raġunijiet u fihom tilfu ħajjithom diversi Maltin, fosthom l-erbgħa li huma rikonoxxuti uffiċjalment.

Dak iż-żmien il-popolazzjoni ta' Birkirkara u Santa Venera kienu ta' 9,573 persuna. Bħala raħal Birkirkara kellu sistema tajba tal-ilma peress li kien imqabbad mal-akwadott. Barra minn hekk, kien moqdi bis-servizz tal-ferrovija u t-tramm. Madankollu, il-faqar xorta kien jinħass sew.

Fil-5 ta' Awwissu ħa l-pussess ta' Prepostu tal-Parroċċa Elenjana l-qassis Dun Karm Zammit.

### IT-TWAQQIF TAL-GĦAQDA MUŻIKALI SANT'ELENA

Id-data eżatt meta twaqqfet din l-għaqda mhux magħruf, għalkemm hu ppruvat storikament li kienet qiegħda diġà tiffunzjona f'Jannar tal-1919. Fil-bidu kienet magħrufa bħala ċ-Circolo Sant'Elena u l-Ispiżjar Carmelo Sciberras kien l-ewwel President tal-Għaqda. Hu dam sentejn f'din il-kariga li kellha l-ewwel sede tagħha f'109, Misraħ San Franġisk. Bħala surmast, l-ewwel wieħed kien Ferdinand Camilleri.



Il-Parteċipazzjoni tal-Għaqda Mużikali Sant'Elena waqt diversi edizzjonijiet tal-karnival

Wara l-Ispiżjar Sciberras kien hemm tliet presidenti oħra fl-ewwel snin tal-għaqda. Dawn kienu Emanuel Scicluna, William Savona u Salvu Zammit Hammet.

Bħal surmastrijiet, wara Ferdinand Camilleri segwewh Giuseppe Camilleri, Gioacchino Micallef, Ċensu Costa u Ġużeppi Busuttil. Dan tal-aħħar baqa' magħruf għall-kompożizzjoni tal-Inno di Gloria li hu partimonju għażiż għal din l-għaqda.

### MATUL IT-TIENI GWERRA DINJIJA

F'Mejju tal-1940 il-banda esegwiet programm fil-Palazz ta' San Anton. Kien l-aħħar wieħed li esegwiet qabel ma ġiet il-gwerra. Filkażin, il-ħajja ġie affettwata wkoll. Twaqqfet it-tombla u saret purtiera fil-Banka tal-Lottu minħabba l-blackout waqt l-attakki mill-ajru. Il-banda spiċċat bla programmi x'tesegwixxi għalkemm xorta tat servizz f'Ottubru 1942 meta ttieħed il-George Cross f'Birkirkara. Kien biss f'Novembru tal-1943 li l-banda reġgħet qabdet ir-ritmu u għamluet servizz fil-festa ta' Santa Katerina fiż-Żurrieq. Dak iż-

żmien f'Birkirkara kien hemm jgħixu madwar 50,000 persuna.

### ŻMIEN TA' PAĊI U ATTIVITÀ KBIRA

Wara l-Gwerra, il-banda bdiet tieħu sehem f'diversi servizzi fi bliet u rħula Maltin. Min-naħa l-oħra, kompliet ukoll tipparteċipa fil-Karnival għal tliet edizzjonijiet oħra fejn għal darbtejn irnexxielha wkoll tikseb l-ewwel post u darba oħra kisbet it-tielet post.

Kien fl-1950 meta ntemmet il-kriżi dwar il-kwistjoni tad-drittijiet u l-privileġġi tal-Kolleġġjata. Għalhekk dik is-sena l-festa tas-Salib Imqaddes saret bilkbir u l-Kolleġġjata ġiet levata għat-titlu ta' Bażilika Minuri. Aktar tard dik is-sena saret festa oħra fl-1 ta' Lulju meta żżanżnet u tbierket instrumentatura ġdida għall-banda ta' Sant'Elena.

Fis-snin ħamsin, l-għaqda kompliet tiġġedded, l-aktar billi saret manutenzjoni tas-sede tal-għaqda. Iżda mbagħad kien fis-snin sittin li l-għaqda xtrat il-bini tal-każin mingħand iċ-Cisk. Wara mbagħad kien fis-snin tmenin li nħass li kien hemm bżonn li jikber il-każin. Is-soċjetà xtrat dar maġenb il-każin fi Sqaq Bużaqq. Biex jitkabbar il-każin, twaqqa' l-post li nxtara biex inbnew żewġ swali kbar u kmamar oħra. Aktar tard fiż-żmien il-każin xtara garaxx u wara anke post ieħor biex kompla jkabbar il-każin.

L-Għaqda Mużikali Sant'Elena tirrikonoxxi li għamlet diversi passi 'l quddiem fis-snin disgħin meta emendat l-istatut tagħha u kienet l-ewwel darba li n-nisa setgħu jiġu eletti fil-kumitat. Fl-1990 twaqqfet il-Kummissjoni Nisa, filwaqt li sena wara twaqqfu l-Kummissjoni Attivitajiet u l-Kummissjoni Banda. Sal-1996 twaqqaf is-Sottokumitat tal-Festa, il-Kummissjoni Bini, il-Kummissjoni Armar, il-Kummissjoni Żgħażagħ, il-Kummissjoni Sports u l-Kummissjoni Ċena.

Fl-1994, l-għaqda ċċelebrat il-75 sena, fejn inħatar kumitat apposta u nqablu 27 proposta għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet li kienu mifruxin tul sena sħiħa.

L-Għaqda Mużikali Sant'Elena baqgħet għaddejja bl-attivitajiet anke fit-tielet millenju. Fl-2003 ġie elett Anthony Saliba bħala l-President tal-Għaqdas u għadu f'din il-kariga sal-lum. Tliet snin wara beda proġett fejn tħaffret il-kantina taħt il-każin. Dan il-proġett ġie jiswa eluf kbar ta' Liri Maltin u involva l-għajnuna ta' ħafna nies biex sar.

### IL-MITT SENA ANNIVERSARJU

L-Għaqda Mużikali Sant'Elena qiegħda tiċċelebra dan l-anniversarju importanti bil-għan li tikkommemora l-esperjenza ta' mitt sena bil-kisbiet u d-diffikultajiet kollha li għexet. Bl-istess mod, trid ukoll tfakkar l-esperjenzi sbieħ li għaddiet minnhom, filwaqt li tibni futur aħjar għal din l-għaqda.

Għalhekk mill-5 ta' Jannar li għadda nfetħu l-festi permezz ta' Programm tal-Epifanija mill-Banda Sant'Elena fil-Bażilika Kolleġġjata ta' Birkirkara. Il-President tal-Għaqda, Anthony Saliba fakkar f'kien qed jiġri fid-dinja fis-sena 1919 u kif il-fundaturi tal-għaqda bdew din is-soċjetà.

Ġiet ukoll organizzata kompetizzjoni biex jintgħażel logo uffiċjali għal dawn il-festi. Fl-istess waqt, ġiet imnedija l-iskema għall-membri tad-deheb, ġbir intensiv, applikazzjoni għal fondi lokali, saru sett ta' erba' tabelli li ntużaw matul l-istorja tal-għaqda, saret riċerka dettaljata fl-arkivju mużikali tal-għaqda biex terġa' tingħata l-ħajja lil mużika ta' valur matul is-sekli differenti u ġew organizzati attivitajiet soċjali biex jinġabru n-nies fi spirtu ta' ċelebrazzjoni.

Fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira, l-għaqda organizzat diversi attivitajiet oħra għall-membri filwaqt li ġew imnedija anke żewġ CDs marbuta ma' dawn iż-żminijiet. Għal dawn iż-żminijiet, ġiet organizzata wkoll l-Akkademja Funebri li matulu ġie esegwit id-dramm poetiku "Salvator Mundi" miktub mill-poeta Louis Briffa. Wara l-Akkademja, infetħet il-wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa fix-xelter taħt il-każin u ġie esebit anke platt magħmul mis-smid li kiser ir-rekord bid-daqs tiegħu. Fl-istess okkażjoni, ġiet ukoll mikxufa u mbierka statwa tal-fiber li saret mill-artist Joseph Micallef u li ttellgħet fin-niċċa li nbniet fil-fontispizju tal-Każin nhar it-2 ta' Mejju meta ġew inawgurati l-faċċata u l-entratura tal-każin. L-Għaqda organizzat mill-ġdid il-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt, fejn għall-ewwel darba qabel il-purċissjoni, ħdejn il-każin indaqq għall-ewwel darba l-Innu Uffiċjali ta' Kristu Rxoxt.



Il-Vara ta' Sant'ELena quddiem il-Każin waqt il-purċissjoni ta' Santu kruc

Fit-3 ta' Mejju, fil-festa ta' Santu Kruċ il-purċissjoni kellha tgħaddi minn quddiem il-każin tal-Għaqda Sant'Elena. Madankollu, t-temp kien bix-xita u għalhekk kollox kellu jsir fil-5 ta' Mejju meta n-nies xorta waħda rrikorrew bi ħgarhom.

Matul din is-sena, l-għaqda għad fadlilha bosta attivitajiet oħra importanti. Fosthom hemm l-appuntament ewlieni tat-13 ta' Awwissu meta se jindaqq għall-ewwel darba l-Oratorju "Sant'Elena Imperatriċi 1919-2019". Imbagħad l-Għaqda se jkollha sehem importanti fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi qaddisa ta' Santa Liena matul din il-ġimgħa.

Matul din is-sena mistenni wkoll isir kunċert fit-Teatru Manoel, ikla gala, quddies ta' radd il-ħajr u fl-aħħarnett attività soċjali li ssir fl-aħħar sigħat tas-sena li fiha tingħata wkoll merħba lis-sena l-ġdida.

### DISA' SAFRIET BARRA MILL-PAJJIŻ

Din l-għaqda mhux biss għamlet suċċess f'pajjiżna, iżda anke rnexxielha tagħmel isem tajjeb għaliha u għal pajjiżna barra minn xtutna. Marret diversi drabi Tuneż, fejn f'okkażjoni minnhom fl-1938 kienet l-ewwel banda li qatt daqqet l-Innu Malti barra mill-pajjiż.

Suċċess ieħor miksub mill-Banda Sant'Elena kien fl-1995 meta siefret għal konkors internazzjonali tal-baned f'Valenzja fi Spanja. Il-banda kisbet it-tielet post minn fost 50 banda.

Ta' min wieħed isemmi li kull fejn żaret il-banda ngħatat bandalori li kollha baqgħu jinżammu fis-seda tal-għaqda b'tant apprezzament.



Briju waqt il-marż għaddej fi Triq il-Wied